MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2012

Rikors Numru. 805/2012

**Fl-atti tar-rikors Nru. 1280/2011 JZM u wara l-Mandat ta` Inibizzjoni Nru. 239/2012 fl-ismijiet :**

**Brava Limited (kumpannija inkorporata fil-Gzejjer Cayman, bin-numru ta` registrazzjoni Reg MC 182208 rapprezentata mill-Avukat Anthony Galea, detentur tal-karta tal-identita` numru 407878(M) bhala l-mandatarju tal-istess socjeta`)**

**vs**

**Sakaras Holding Limited (C40261)**

**Il-Qorti :**

**I. <u>Preliminari</u>**

Illi bis-sahha tal-Mandat ta` Inibizzjoni ("il-Mandat") fuq riferit, il-kumpannija rikorrenti fil-procediment tal-lum [u intimata f`dak il-procediment] ("Sakaras") kienet *inibita milli bi kwalunkwe mod, direttament jew tramite terzi :*

*milli tbiegh, tittrasferixxi jew taljena l-assi jew xi assi taghha u tal-kumpanniji sussidjarji taghha ;*

*milli tghabbi pizijiet ta` kwalsiasi tip u forma fuq tali assi, inkluzi garanziji, ipoteki, rahan u kwalsijasi tip ta` piz iehor ;*

*milli direttament jew indirettament tikkontratta, tassumi u/jew tidhol ghal obbligi finanzjarji godda ;*

*milli tiehu kwalsijasi tip ta` decizjoni rigward is-sussidjarji taghha li tkun tinvolvi jew intiza jew li jkollha l-effett li jigu trasferiti jew aljenati l-assi jew xi assi tas-sussidjarji taghha, kif ukoll decizjonijiet li jinvolvu, jkunu intizi jew li jkollhom l-effett li jghabbu pizijiet ta` kwalsijasi tip u forma fuq tali assi, inkluzi garanziji, ipoteki, rahan u kwalsijasi tip ta` piz iehor.*

Illi permezz ta` rikors li pprezentat fl-10 ta` Awissu 2012, Sakaras qeghda tilmenta illi bhala effett tal-Mandat, is-sussidjarja taghha Verysell Projects ("Verysell") hija prekluza milli tinnegozja facilitajiet bankarji godda biex bihom thallas ghal facilitajiet bankarji ohra li kienu patwiti qabel gie fis-sehh il-Mandat, u li issa qeghdin jimmaturaw. Tilmenta illi ghax qieghed jigi hekk, il-*working capital* taghha qieghed jigi ridott notevolment, billi Very sell kienet qeghda tuza dak il-*working capital* biex thallas id-dejn li mmatura halli ma taqax *in default*, u fl-istess waqt qeghda tkompli taqdef fis-suq bil-progetti taghha. Tilmenta wkoll li bil-Mandat kif inhu, Verysell hija prekluza milli tinnegozja kondizzjonijiet godda ta` self ma` bank divers minn dak li kien taha l-facilitajiet originarjament, anke jekk il-kondizzjonijiet tas-self, partikolarment ir-rata tal-imghax, ikunu aktar vantaggjuzi ghal Verysell. Ghalhekk fl-istess rikors Verysell qeghda titlob li l-Mandat jigi revokat *in parte* sabiex fl-ewwel lok tittratta mal-bank il-gdid halli

tiffinanzja mill-gdid id-dejn taghha, u sabiex tissostitwixxi l-*working capital deficiency* li sabet ruhha fih.

Illi ghall-fini tat-talba ghar-revoka in parte tal-Mandat skond l-Art.836(1) tal-Kap.12, ir-rikorrenti qeghda tinvoka l-paragrafu (f) li jaqra hekk –

*jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli.*

Illi permezz ta` digriet taghha tas-17 ta` Awissu 2012, din il-Qorti ordnat in-notifika tar-rikors lill-kontroparti, bi zmien sebat ijiem biex twiegeb.

Illi fir-risposta taghha, l-intimata fil-procediment tal-lum [u rikorrenti fil-procediment tal-Mandat] ("Brava") irrilevat illi m`ghandux ikun hemm revoka *in parte* tal-Mandat ghaliex l-elementi rikjesti mill-Art.836(1)(f) ma jirrizultawx.

Illi Brava topponi li l-effetti tal-Mandati jkunu diversi minn dawk prezenti, ghaliex Brava ma tafx il-qaghda finanzjarja preciza ta` Sakaras bl-attiv u l-passiv, inkluz fejn jirrigwarda Verysell, avolja direttur appuntat minnha jaghmel parti mill-bord tad-diretturi ta` Sakaras. Li certament jirrizulta huwa li Sakaras hija insolventi. U ghalhekk huwa fl-interess tal-kredituri li l-i*status quo* jigi preservat in vista ta` eventwali dikjarazzjoni ta` xoljiment u stralc taghha. Diversi kuntratti ta` self kienu kontrattati fil-passat minghajr l-approvazzjoni tal-bord tad-diretturi. Anzi Brava tghid li ma kenitx edotta bil-facilita` bankarja ghal RUB 45,000,000 bejn Verysell u Bystro Bank. Tkompli tghid illi Verysell ittrattat finanzjament mill-gdid tas-self minkejja l-Mandat. Imkien ma tghid Verysell kif sejra tottempera ruhha mal-obbligi tas-self il-gdid propost, u kif sejra tiggenera bizzejjed profitti biex tibqa` solventi.

B`dak li trid tottjeni Sakaras ghal Verysell mhuwiex se johrog lil *holding company* mill-insolvenza li tinsab fih anke minhabba l-operat tas-sussidjarji taghha.

## II. Konsiderazzjonijiet

Skond l-Art.836(1) tal-Kap.12, rikors tax-xorta bhal dak tal-lum jingieb a konjizzjoni tal-qorti li tkun qegħda tittratta l-kawza bejn il-partijiet.

Issa pendenti bejn il-partijiet quddiem din il-qorti hemm i) fl-ewwel lok, il-prodediment bin-Nru.1280/2011 fejn Brava qeghda titlob ix-xoljiment u l-istralc ta` Sakaras, u ii) korollarju ghal dan, hemm pendenti procediment iehor bin-Nru.1280/2011/1 fejn Brava qeghda titlob il-hatra ta` amministratur provvizorju, sakemm ikun hemm decizjoni dwar ix-xoljiment u l-istralc ta` Sakaras.

Fl-istess waqt, din il-qorti tirrileva illi qabel dawn il-procedimenti pendenti, hija diga` kellha okkazjoni taghti provvediment dwar talba minn Sakaras sabiex tkun ammessa ghall-procedura ta` rkupru skond l-Art.329B tal-Kap.386. Il-procedura kienet dik tar-Rikors Nru.206/2012 JZM u kienet deciza fis-27 ta` Marzu 2012 fejn il-qorti cahdet it-talba ta` Sakaras. Din il-qorti qeghda tirreferi ghal dak il-procediment ghaliex hemm Sakaras kienet irrikonoxxiet li l-qaghda finanzjarja taghha kienet tali li ma kenitx f`qaghda li thallas id-djun taghha u allura dakinhar kienet fi stat ta` insolvenza. Tghid ukoll li meta l-qorti tat dak il-provvediment il-Mandat kien diga` fis-sehh.

Din il-qorti qieset b`reqqa dak li nghad minn Sakaras, inkluz id-dokument li pproduciet, fil-kuntest tal-oggezzjonijiet ta` Brava. U kollox meqjus, din il-qorti ma tarax illi r-ragunijiet ta` fatt li huma *la chiave di lettura* proprja tal-Art.836(1)(f) huma bizzejjed sabiex tkun milqugha t-talba ta` Sakaras kif dedotta.

Bla ma tidhol fil-mertu taz-zewg procedimenti pendenti, din il-qorti tirrileva illi sabiex Verysell, li hija sussidjarja ta` Sakaras, tista` tkampa mhux bizzejjed il-*working capital* taghha izda trid tiddependi ta` bilfors *on fresh capital.* Ma tistax taghmel hekk ghaliex *jidher* illi parti sostanzjali mill-*working capital* taghha qieghed iservi biex jithallsu d-djun taghha. Li allura jfisser li sabiex tiffinanzja l-progetti kapitali kif ukoll id-djun taghha, il-*working capital* li jifdal mhuwiex sufficjenti, u allura hija kostretta tirrikorri ghal djun,dejjem akbar.

Dan il-*modus operandi* ma jistax *prima facie* jaqleb ta` taht fuq il-prospettivi ta` hidma fil-posittiv tas-suggett in kwistjoni propju ghaliex hemm incertezza fl-operat ta` Sakaras u tas-sussidjarji taghha u ma hemmx bizzejjed trasparenza fil-mod kif jittiehdu d-decizjonijiet direzzjonali u strategici *at board level.*

Koxjenti mill-qaghda li tirrizulta mill-fatti, fosthom illi Sakaras taccetta li aktar kmieni din is-sena stess kienet fi stat ta` insolvenza, illi l-qaghda taghha u tas-sussidjarji taghha ma marritx `il quddiem, illi s-sussidjarja Verysell qeghda titlob nifs biex tahdem, illi biex din tahdem, tehtieg self aktar qawwi ghax il-*working capital* mhux bizzejjed biex jaghmel tajjeb ghall-operat taghha attwali u future minbarra d-djun taghha, din il-qorti ma ssib li ma ghandha tibdel xejn mill-Mandat kif inhu llum.

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda tichad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------